# LEĦEN IS-SANTWARJU TA' ĦAŻ-ŻABBAR

ĠUNJU 2023 – Ħarġa Nru: 211




*Il-Kelma tal-Arċipriet...*

## L-AĦĦAR ĦSIBIJIET …

Għeżież,

Kif tistgħu tobsru, dan hu l-aħħar messaġġ tiegħi lilkom bħala Arċipriet ta' din il-parroċċa għażiża.

Għaddew tmien snin u nofs minn mindu bdejt nikkomunika magħkom permezz ta' "Leħen is-Santwarju". Kien ta' sodifazzjoni għalija li kull xahar, naqsam magħkom xi ħsieb partikulari dwar dak li nkunu għaddejin minnu fid-dinja, fil-Knisja jew fil-komunità tagħna.



Meta ġejt fostkom ftit li xejn kont naf minnkom. Illum, permezz tal-ministeru pastorali tiegħi sirt nafkom u ħdimt ma' ħafna minnkom. Stajt nara kemm hu qawwi l-interess tagħkom fil-komunità nisranija li tinsab f'Ħaż-Zabbar.

**Il-ħajja tgħallimna**

Għalkemm jiena kont l-Arċipriet, tgħallimt ħafna minnkom. Kull meta kont nikteb dawn il-messaġġi, inwassal l-omelija jew nagħmel xi laqgħa, dejjem għaqqadt it-tagħlim li ksibt mal-esperjenza tal-ħajja li qsamt magħkom matul dawn l-aħħar snin.

Jiena se nibqa' niftakarkom bħala nies li tgħożżu l-ispirtu ta' komunità, li tħobbu s-santwarju u li għandkom imħabba speċjali lejn il-Madonna tal-Grazzja. Il-festa f'ġieħha u ż-żjarat tiegħi fi djarkom jixhdu dan. Mill-ewwel tinduna li jkun hemm xi ħadd minn Ħaż-Żabbar fid-dar għax, ix-xbieha tal-Madonna tal-Grazzja tkun esposta bi prominenza!

**Ringrazzjamenti u maħfra**

Fil-ministeru tiegħi ppruvajt naqsam magħkom is-sabiħ u l-iebes tal-ħajja. Ippruvajt inwassal il-Kelma t'Alla b'mod li tiftihem u li nistgħu napplikawha għall-ħajja tagħna llum.

Nirringrazzja lil dawk il-lajci li huma impenjati fil-komunità tagħna għax permezz tagħhom tista' tkompli tikber is-Saltna t'Alla fostna. Nirringrazzja wkoll lil kull min f'dawn l-aħħar xhur, b'mod speċjali, inkuraġġieni u qed jitlob għalija

biex inkompli nwettaq il-ministeru tiegħi fil-parroċċa ta' Santa Marija, B'Kara. Tassew napprezza l-attenzjoni u l-imħabba tagħkom!

Nitlob maħfra meta forsi nqast mid-dmirijiet tiegħi jew meta ma kontx biżżejjed sensittiv għall-bżonnijiet tagħkom.

**Appell**

Nitlobkom tilqgħu lill-Arċipriet il-ġdid, Dun Roderick Camilleri u turuh il-koperzzjoni u l-imħabba li dejjem sibt mingħandkom. Jiena persważ li Dun Roderick se jkun strument f'idejn il-Mulej biex tagħrfu dejjem aktar u tħobbu lil Mulej Ġesù. Persważ ukoll li bħala Żabbari se jgħin biex titkattar l-imħabba u d-devozzjoni lejn Ommna Marija tal-Grazzja.

Inselli mill-qalb għalikom ilkoll u nrodd ħajr lil Alla tal-opportunità li pprovdieli li nkun magħkom f'dawn l-aħħar snin. Mingħandkom tgħallimt kif inkun aktar uman u saċerdot aħjar.

U ta' dan nirringrazzjakom mill-qalb!

***Dun Evan***

## NILTAQGĦU NHAR … ĠUNJU 2023

**Ħamis 1:** San Ġustinu, martri – Tifkira O
**Ġimgħa 2:** *L-ewwel Ġimgħa tax-xahar*
**Sibt 3:** San Karlu Lwanga u sħabu, martri – Tifkira O. Fis-6.30pm quddiesa tal-Preċett
**Ħadd 4:** **Solennità tat-Trinità Qaddisa.** Fl-9.45am quddiesa tal-Preċett. Tal-11.30am issir f'11.45am. Fis-6.00pm quddiesa tal-Preċett.
**Tnejn 5:** San Bonifazju, isqof u martri – Tifkira O
**Erbgħa 7:** *Jum is-Sette Giugno* – festa nazzjonali u pubblika. Quddies bħal nhar ta' xogħol
**Sibt 10:** Fis-6.30pm Konċelebrazzjoni ta' radd-il ħajr immexxija mill-Arċipriet Dun Evan Caruana f'għeluq il-ministeru pastorali tiegħu fil-parroċċa
**Ħadd 11:** **Solennità tal-Ġisem u d-Demm tal-Mulej – Corpus Domini.** Fil-5.30pm Konċelebrazzjoni mmexxija minn Dun Stephen Magro u wara purċissjoni bis-SS.mu Sagrament
**Tlieta 13:** Sant'Antnin ta' Padova, presbiteru u duttur tal-Knisja – Tifkira O.
**Ġimgħa 16:** **Solennità tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù.** Nesponu 'l Ġesù Sagramentat wara l-quddiesa tat-8.30am sa 12.00pm. Nerġgħu nesponu fl-4.30pm u fis-6.00pm Konċelebrazzjoni mmexxija minn Dun Gylan Camilleri u wara purċissjoni bis-SS.mu Sagrament
**Sibt 17:** Il-Qalb bla Tebgħa tal-Verġni Marija – Tifkira O
**Ħadd 18:** **Il-11-il Ħadd ta' matul is-sena.** Niċċelebraw *Jum il-Missier*
**Erbgħa 21:** San Alwiġi Conzaga, reliġjuż – Tifkira O
**Sibt 24:** **Solennità tat-Twelid ta' San Ġwann Battista**
**Ħadd 25:** **It-12-il Ħadd ta' matul is-sena**
**Erbgħa 28:** San Irinew, isqof u martri – Tifkira O
**Ħamis 29:** **Solennità tal-Martirju ta' SS Pietru u Pawlu. Festa pubblika.** Xieraq li nqaddsu dan il-jum bis-smigħ tal-quddies.
**Ġimgħa 30:** L-Ewwel Martri tal-Knisja ta' Ruma – Tifkira

## INGĦAQDU MAL-MULEJ GĦAL DEJJEM

Ġużeppi Debattista (84), Raymond Zarb (57), Tereża Scerri (85), Giovanni Azzopardi (87), Victor Galea (38), Carmela Mule' (88), Aloisia Azzopardi (82), Joseph Higgens (80), Mary Gatt (92), Carmen Grech (96), Gregory Scicluna (70), Martin Zammit (63), John Mary Spiteri (92), Carmela Bonnici (89), Emmanuele Bonavia (92), Anthony Spiteri (78), Ronald Bonsfield (73).
*Agħtihom, O, Mulej, il-mistrieħ ta' dejjem…*